**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 395/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**-Omissis-**

**Mark Piscopo**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Mark Piscopo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 245569(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Gunju, 2012, fil-Furjana, ghall-habta tal-16:10 PM:

- B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, u/jew gabet sfegju gravi u permanenti fil-wicc ta' Hector Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti sabet liz-zewg imputati, Mark Piscopo u -Omissis-, hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom u kkundannathom in kwantu ghall-imputat, Mark Piscopo, s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) u in kwantu ghall-imputat, -Omissis-, s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000).

*Oltre* dan, ordnat sabiex *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati *in solidum* ihallsu lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez involuti fl-inkjesta u dan fi zmien tlett (3) xhur minn meta jigu hekk mitluba mid-Direttur tal-Qrati Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Piscopo pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Mark Piscopo.

Rat illi matul is-seduta datata l-15 ta' Novembru 2017 l-appell intavolat f'isem Mark Piscopo nhar it-28 ta' Lulju 2016 ġie rtirat minnu u dan billi mill-atti jirrizulta illi gew intavolati zewg rikorsi ta'l-appell f'isem l-appellant Piscopo.[1]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Mark Piscopo esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

[1] Folio 255 tal-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant Mark Piscopo hassu aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi dehrlu illi hu ma setax jinstab ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u dan fid-dawl tax-xiehda konfliġġenti dwar dak li wassal sabiex sehh l-inċident mertu ta' dawn il-proceduri. L-appellant jishaq illi fil-mansonijiet riposti f'idu hu ma kienx il-persuna responsabbli ghal manutenzjoni tal-grawnd tal-futbol fejn sehh l-incident, izda r-responsabbilta' tieghu kienet limitata ghal dik li jiftaħ il-grawnd qabel il-logħba sabiex il-plejers ikunu jistghu jiksbu access ghalih. Kwindi ma jistax jitqies li kien negliġenti f'xogħolu. Jishaq illi qabel bdiet il-loghba huwa ghamel dawk il-verifiki u accertamenti mehtiega ghas-sigurta' tal-plejers u wara dan telaq minn fuq il-post. Kwindi ma seta' qatt jitqies responsabbli mill-Ewwel Qorti għall-inċident illi seħħ. Jishaq illi l-Ewwel Qorti stess irrilevat illi huwa bniedem li għandu ħafna esperjenza fil-logħob tal-futbol u kwindi żgur li ċċekkja l-lasti sew. Fuq kollox, izda, jibqa' isostni illi hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-organizazzjoni tat-Tournament u kienu l-organizzaturi ta'l-istess illi kellhom jaraw li kienet saret il-manutenzjoni tal-grawnd u tal-lasti. Jallega wkoll illi l-lasti kienu marbutin sew u li l-lasta nqalgħat minn postha minħabba s-saħħa li wża l-vittma fuqha fejn konsegwentement tqaċċtet minn postha u waqgħet għal fuqu. Finalment u *in subsidium* jitlob li l-piena mposta fuqu tiġi varjata sabiex din tkun għal waħda ekwa u ġusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi sabiex jigu mistharrga l-ilmenti ventilati mill-appellant, il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi u d-dokumenti kollha li jinsabu fl-atti proċesswali minn fejn jirrizulta illi l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh nhar l-24 ta'Ġunju 2012 għall-ħabta tal-16:15pm gewwa il-grawnd tal-Futbol tal-Furjana meta waqgħet lasta tal-futbol fuq persuna li kienet qed tilghab fuq il-post, li b'konsegwenza intilfet minn sensieha u sofriet griehi f'rasha. Ix-xhieda okulari li gew interrogati mill-pulizija kkonfermaw dawn il-fatti. Wara verifiki li saru fil-kors tal-investigazzjonijiet, irrizulta illi l-lasti ma kenux marbutin kif

suppost u ma kienux stabbli u setgħu jegħlbu facilment. Illi rrizulta mill-provi illi l-grawnd tal-futbol kien jappartjeni lis-socjeta Green Investments Limited u li l-appellant kien gie inkarigat minn din is-socjeta sabiex jagixxi bhala "groundsman" b'xogholu jkun dak li jiehu hsieb il-grawnd kull meta jkun ser jintlaghab xi loghob.

Meta l-pulizija tkellmu mal-appellant fil-fatt, hu gharrafhom li kien responsabbli sabiex imur jiftaħ u jagħlaq il-grada tal-grownd. Dak in-nhar jikkonferma li ċċekja anki l-lasti u li kien hemm kollox kif suppost. Il-pulizija tkellmu wkoll mal-vittma Hector Zammit nhar it-28 ta' Ġunju 2012 ġewwa l-isptar fejn qalilhom illi huwa kien mar jiċċekja l-lasta waqt il-loghba peress li kien innota li kienet qed tiċċaqlaq ħafna u kienet qed toħroġ barra minn postha u kif messa din għelbet għal fuqu. Zammit ġarrab griehi gravi f'dan l-incident konsistenti f'ksur fil-kranju u x-xedaq ta' halqu u bhala konsegwenza ta'l-istess beda jsofri minn nuqqas ta' smiegħ u impediment fil-viżjoni tiegħu.

Illi x-xhieda kollha mressqa 'il quddiem jikkoroborraw fl-essenza l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza minn fejn jirrizulta nkonfutabbilment illi l-lasta ma kenitx marbuta sew u li ghalhekk kienet ta' periklu ghal plejers li kien hemm dak in nhar fil-grawnd. Illi l-espert nominat fl-*in genere* il-Perit Richard Aquilina ukoll jikkonkludi illi il-lasta in kwistjoni ma kinitx marbuta sew, bl-irbit permezz ta' habel irqieq ma iserviex wisq sabiex jorbot lill-lasta mal-art ghaliex din kienet ta' certu piz.

Illi mix-xiehda ta' Robert Gatt, direttur fic-Centru Tekniku tal-Malta Football Association jirrizulta illi skond ir-regolamenti tal-futbol li jitkellmu dwar is-sigurta tal-lasti hemm miktub illi dawn iridu jkunu "*tightly secured to the ground with pegs in grass*", jekk ikun fuq il-haxix, u "*sandbags*", jekk ikun fuq it-turf artficjali. Fil-kaz in dizamina jirrizulta illi l-lasti la kienu marbuta u lanqas kellhom xi piz li seta' jorbothom fis-sod mal-art.

Dak li jikkontesta l-appellant, izda, huwa n-nuqqas ta' responsabbilta' tieghu ghal manutenzjoni tal-grawnd u tal-lasti u noltre jattribwixxi ir-responsabbilta' ghal dan is-sinistru lill-azzjoni maghmula minn Zammit li

wasslet sabiex il-lasta waqghet meta dan iddendel maghha, ghalkemm l-appellant jammetti illi huwa ma kienx prezenti fuq il-post meta sehh is-sinistru. Illi mhux ikkontestat lanqas mill-parti leza stess illi huwa mess il-lasta b'idejh kemm mill-genb kif ukoll mill-parti orizzontali taghha sabiex jara jekk din kenitx soda, wara li, skont kif ighid hu stess, raha qed ticcaqlaq kull darba li bdiet tintlaqat. Jichad madanakollu li hu iddendel maghha. Illi x-xhud James Schembri fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li jallega l-appellant, jikkorrobora l-verzjoni ta' Zammit meta ighid illi huwa ra lil Zammit qed iżomm mal-lasta meta din waqgħet għal fuqu. Fl-ebda stadju tax-xiehda tieghu ma jgħid illi l-parti leza kien qed jiddendel magħha. Jikkonferma b'korroborazzjoni ma' xhieda ohra okulari illi l-lasta in kwistjoni ma kenitx marbuta u li ma kellha l-ebda piż fuqha sabiex izzommha milli taqa'. Ix-xhud WPS 250 Amanda Bunce li marret mal-ewwel fuq il-post wara l-incident, tghid li ghalkemm il-lasti l-ohra kienu marbuta b'habel, din il-lasta partikolari ma kenitx. L-appellant ma kienx prezenti meta sehh l-incident, kif inghad, u ghalhekk ma jistax jindika x'azzjoni saret minn Zammit meta l-lasta waqghet fuqu. Jibqa' l-fatt madanakollu illi l-ebda xhud ma jindika dak li jikkontendi l-appellant u cioe' illi Zammit iddendel mal-lasta.

Illi inoltre l-appellant lanqas ma jista' jezonera ruhu mir-responsabbilta ghal dan is-sinsitru meta huwa stess *ex admissis* kemm fix-xhieda tiegħu kif ukoll fl-istqarrija rrilaxxjata minnu *a tempo verġine* jghid illi huwa impjegat mas-socjeta Green Investments Limited, li hija s-sid tal-grawnd u li l-mansjonijiet tieghu ma kenux limitati unikament sabiex jiftah u jaghlaq il-grada, izda kien inkarigat sabiex jivverifika l-hinijiet tal-loghob u min ser juza l-grawnd u anke sabiex jigbor il-hlasijiet ghall-uzu tal-grawnd. Fil-fatt ighid li s-segretarja tas-socjeta kienet tiehu hsieb tibaghtlu l-*emails* biex tindikalu x'loghob kien ser jintlaghab u l-hinijiet ta'l-istess u dan sabiex ikun jista' jaghmel il-preparamenti mehtiega. Jghid li kien xogholu li jivverifika jekk il-grownd ikunx "safe" qabel ma jintuza u ghalhekk jikkonferma illi qabel il-loghob jiċċekja l-lasti kollha sabiex jara jekk dawn ikunux b'saħħithom biżżejjed. Ighid li dak in-nhar tal-incident huwa vverifika li dawn kienu marbuta b'habel irqieq izda ighid li dawn ma kellhom l-ebda piz fuqhom. Tant hu hekk illi l-

appellant stess jikkoncedi illi wara dan l-inċident sfortunat il-lasti bdew jintrabtu bil-ktajjen sabiex dak li seħħ ma jerġax jirrepeti ruħu. Jikkonferma illi ma ha ebda hlas *extra* ghal dan it-*tournament* li nzamm fil-gurnata tal-Hadd peress illi l-principal tieghu kien infurmah illi dan it-*tournament* kien qed isir ghal skopijiet ta' karita u li ma kenux ser jiehdu hlas lanqas ghall-uzu tal-grawnd.

Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiindika illi:

> **".... t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:**
>
> **1. la volontarieta dell'atto;**
>
> **2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u**
>
> **3. la possibilita di prevedere.**
>
> **Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' lAppelli Kriminali)"**

L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem minn dan l-insenjament meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

> ***"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.***
>
> ***In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."***
>
> **Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:**

***1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***

***2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***

***3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

**Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.[2]"**

Stabbiliti l-fatti probatorji fid-dawl ta' dan l-insenjament tal-awturi u l-gurisprudenza, ma jifdal ebda dubbju f'mohh il-Qorti, bhal kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant kien fil-fatt responsabbli, ghalkemm mhux unikament, illi jaċċerta ruħu li l-grawnd ikun lest u li ma jkun hemm ebda periklu qabel jintuża mill-plejers fejn fost ohrajn kellu jara illi l-lasti tal-futbol ikunu marbuta sew. Dan kien parti mill-mansjonijiet riposti fuqu mis-socjeta Green Investments Limited fejn jidher illi kien responsabbli mill-uzu u l-manutenzjoni ta' dan il-grawnd, tant illi anke kien jircievi il-hlas ghal dan ix-xoghol. Fil-fatt fil-jum qabel ma intlaghbu dawn il-loghobiet ghal karita' kien hu li ha hsieb jaqsam il-grawnd fi tlieta, sabiex jintlaghbu tlett loghbiet separatament u ha hsieb ukoll ipoggi l-lasti fil-posizzjoni li nstabu fihom qabel intlaghab il-loghob. Jinsisti li ha hsieb jara illi dawn il-lasti kienu marbuta permezz ta' habel li jiddeskrivieh bhala ftit ihxen minn lapes. Rbit mal-art ma jsrix peress illi t-turf huwa sintetiku u ghalhekk jista' isirlu l-hsara. Dan ifisser illi ghall-appellant l-irbit permezz ta' habel rqieq kien sufficjenti biex izomm il-piz tal-lasti, rbiet li *del resto* ha hsieb jaghmlu hu stess meta, kif inghad, qassam il-grawnd fi tlett bicciet. Kif jista' ighid l-appellant illi dan l-incident sfortunat ma setax kien previst? Fuq kollox

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri 28/02/2018

l-appellant stess *ex admissis* jistqarr illi huwa kien mharreg sew fil-loghob tal-futbol u ghalhekk kien ben konxju tar-regoli kollha marbuta mal-loghba u s-sigurta' tal-grawnd ghal plejers involuti. Konferma ta' din l-esperjenza tinghata mix-xhud Dr.Hugh Peralta li kien ilu jaf lill-appellant ghal diversi snin bhala l-persuna li kien jiehu hsieb il-grawnd tal-futbol tal-Furjana.

Dan ifisser illi ir-responsabbilta' sabiex jigi accertat illi l-grawnd tal-futbol kien tajjeb biex jintuza u li ma kien ebda periklu ghall-utenti tieghu kienet tinsab kemm f'idejn is-sidien tal-grawnd li rrizulta li kienet is-socjeta Green Investments Limited, izda ukoll f'idejn l-appellant li kien inkarigat jiehu hsieb dan fizikament qabel ma tintlaghab kull loghba fejn kellu jaghmel l-accertamenti kollha mehtiega sabiex jara illi dan seta' jintuza minghajr periklu. Huwa car ghalhekk illi kienet r-responsabbilta' tal-appellant illi jiehu hsieb il-manutenzjoni ordinarja tal-grawnd u tal-apparat kollu bhala 'groundsman', bix-xoghol ta' servicing tat-turf u lasti, kif ighid hu stess, isir imbaghad minn *sub-contractors* mqabbda mis-socjeta Green Investments Limited. In oltre ghalkemm l-appellant jishaq illi hu kien jagħmel dawn il-kontrolli b'mod volontarju u li l-istess ma kienx parti minn xogħolu dan ma ghandux mis-sewwa billi mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta illi kien dejjem hu l-persuna li kien responsabbli mit-tmexxija ta' dan il-grawnd tal-futbol. Dan fil-fehma tal-Qorti jwassal sabiex l-appellant jitqies negliġenti f'għemilu skond il-liġi sabiex b'hekk tirrizulta r-responsabbilta' penali tiegħu għal dan il-kaz fortwit u l-ġrieħi gravi kkaġunati involontarjament fuq il-persuna ta' Hector Zammit.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar aggravju sottopost mill-appellant għal konsiderazzjoni tal-Qorti li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €2000 li fil-fehma tiegħu mhijiex piena ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Illi jibda biex jinghad illi l-piena hija wahda li taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi u hija wahda alternattiva ghall-inkarcerazzjoni. Dan maghdud ma hemm l-ebda motiv li jista' igieghel lil din il-Qorti titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta giet biex tezercita d-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi u dan billi nholoq bilanc bejn minn naha l-wahda, l-fatt illi r-responsabbilta' ghal dan

is-sinistru ma kenitx tinkombi unikament fuq spallejn l-appellant, u minn naha l-ohra l-fatt illi l-parti leza  l-Perit Hector Zammit għadu jbati sa' llum il-ġurnata r-riperkussjonijiet minn dan l-inċident.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet htija fl-appellant Mark Piscopo u l-piena konsegwenzjali erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu, b'dan illi l-imsemmi appellant huwa responsabbli ghal hlas ta' nofs l-ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur